MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Numru 605/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**Vs**

Alexandra Said

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputata Alexandra Said ta’ karta ta’ identita’ numru 650562(M), akkuzata:

a) Talli nhar it-Tlieta, fis-6 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-5:00 p.m. gewwa 2, Bini tal-Gvern, Unti Nru. 1, Sisters Street, Paola kellha ir-responsabbilita’ ta’ Serah Said ta’ 6 snin u b’atti persistenti ta’ ghemil jew ta’ nuqqas ta’ ghemil haqret jew gieghelet jew ippermettiet il-mohqrija b’mezzi simili u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 247 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil bintha Serah Said ta’ 6 snin kontra l-volonta’ taghha.

c) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet ghal bintha Sarah Said u ikkagunatielha feriti ta’ natura hafifa b’cintorin bil-bokkla skond kif medikalment iccertifika Dr Anthony Xuereb MD tac-centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) Kif ukoll talli ghad li kellha il-jedd li twiddeb lil haddiehor hija harget barra mill-qies u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 339(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e) Fl-ahhar talli kienet fid-dmir li tiehu hsieb ta’ tfal, jew ta’ persuni ohra li ma jkunux kapaci jiehdu hsieb taghhom infushom, naqset li tiehu hsieb kif jinhtieg ta’ dawn it-tfal jew persuni ohra u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 339(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata li baqghet isostni fuqha anke wara li l-Qorti taghta zmien tahsibha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata qeghdha issibha hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti ikkonsidrat illi l-posizzjoni illum hija ferm differenti minn dik li kienet haga li fuqha taqbel pjenament il-prosekuzzjoni, u l-imputata irrejalizzat l-izbal taghha.

Fic-cirkostanzi l-Qorti qeghdha ghalhekk tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien 3 snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------